


# Insaħħu l-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Il-Kontribut tal-Kummissjoni fl-Ikla ta' F'idma tal-Mexxejja Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017

#FutureOfEurope #EURoad2Sibiu




## NAGĦMLU L-MOBILITÀ REALTÀ GĦAL KULĦADD

### DAK LI JEŻISTI LLUM

- ▶ **1987:** Il-programm Erasmus ġie mniedi bħala proġett pilota għall-iskambju tal-edukazzjoni għolja.
- ▶ Il-programm **evolva gradwalment** biex jinkludi taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għall-adulti, kif ukoll it-taħriġ, il-volontarjat, l-iskambji tal-istudenti u tal-iskejjel, l-iskambji taż-żgħażaġh u l-attivitajiet sportivi.
- ▶ Mill-2014, l-elementi kollha ġew integrati fi programm wieħed, il-programm **Erasmus+**. Bejn l-2014 u l-2020, il-programm se jkopri **3,7% taż-żgħażaġh fl-UE b'baġit ta' EUR 14,7 biljun**.
- ▶ 2016: ġie mniedi l-**Korp Ewropew ta' Solidarjetà** (opportunitajiet għal volontarjat, *traineeships* u impjegi għal ċittadini tal-UE li għandhom bejn it-18 u t-30 sena).

### KISBIET EWLENIN SA ISSA

Aktar minn 9 miljun persuna bbenifikaw minn Erasmus matul dawn l-aħħar 30 sena.



## X'JISTA' JSIR FIS-SENTEJN LI JMISS?

- ▶ **2 miljun persuna addizzjonali** għandhom jibbenefikaw minn Erasmus+ sal-2020.
- ▶ **100 000 żagħżuġ** li jipparteċipaw fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà sal-2020.
- ▶ **Żieda fil-mobilità tal-istudenti sa 500 000 student tal-iskola** permezz ta' s'hubiji simplifikati bejn l-iskejjel.
- ▶ It-tiżni tal-**mobilità fit-tul tat-trainees u l-apprendisti b' 500 000 parteċipant**, inklużi **45 000 trainees jew apprendistati fit-tul (ErasmusPro)**.
- ▶ Ikomplu jiġu **simplifikati r-regoli u l-proċeduri amministrattivi** biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal għotjiet ta' Erasmus+.
- ▶ Fil-bidu tal-2019, it-tnedija ta' **Student eCard tal-UE**: l-identifikazzjoni elettronika ta' studenti abbażi tal-identifikazzjoni elettronika nazzjonali tagħhom. Dan se jippermetti skambju ta' dejta sikur (eż. ir-rekords tal-istudenti, l-attributi akkademiċi) u aċċess għal servizzi (eż. il-materjali tal-kors, is-servizzi ta' reġistrazzjoni, libreriji onlajn) fl-istituzzjonijiet/pajjiżi ospitanti (*ħidma preparatorja mill-Kummissjoni fl-2018*).

## INIZJATTIVI POSSIBLI B'PERSPETTIVA GĦALL-2025

- ▶ Tiġi inkoraġġita l-mobilità fl-**oqsma tal-istudji** fejn l-Ewropa teħtieġ għarfien espert u ambizzjoni biex issir mexxejja dinjija, b'ħat-tibdil fil-klima, l-ambjent, l-enerġija nadifa, STE(A)M (science, technology, engineering, arts and mathematics - xjenza, teknoloġija, inġinerija, arti u matematika), ir-robotika, id-diġitalizzazzjoni, l-analiżi tad-dejta u l-intelliġenza artifiċjali.
- ▶ Jiġi żgurat li l-istudenti **mobbli kollha** jkollhom **Student eCard tal-UE** biex tiffaċilita l-applikazzjoni tagħhom għal kull skola jew università fl-UE.
- ▶ Id-**doppju** tal-ammont ta' żgħażaġħ fl-UE li jipparteċipaw f'Erasmus+ (**minn 3,7% sa 7,5%**), li se jesiġi baġit ta' EUR 29,4 biljun għall-perjodu 2021-2027.
- ▶ Tintlaħaq mira ta' **1,5 miljun żagħżuġ li jipparteċipaw fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-Ewropa u lil hinn minnha** li jkun jeħtieġ baġit ta' EUR 6 biljun għall-perjodu 2021-2027.

*L-ambizzjoni politika jenħtieġ li tiġi allinjata mal-mezzi ta' azzjoni u tiġi riflessa fid-diskussjonijiet futuri dwar il-finanzi tal-UE.*